# KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

# IL-'BUSINESS PLAN'

# 2017 - 2019

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni** | **2** |
| **Il-'Mission Statement' u l-Valuri** | **6** |
| **Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji** | **7** |
| **Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill** | **9** |
| **Previżjonijiet tal-Finanzi** | **10** |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali L-Għasri matul is-sena 2016.

Il-Kunsill Lokali L-Għasri huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Dan hu rendikont tax-xogħolijiet li wettaq il-Kunsill għall-ġid tar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti li għandna ma' diversi kuntratturi.

Il-Kunsill huwa responsabbli mill-indafa u manutenzjoni tat-toroq kemm urbana kif ukoll taż-żona mhux urbana. Il-ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklabbli u skart goff isir ukoll mill-Kunsill. Insemmi l-ġbir ta' l-skart riċiklabbli kull nhar ta' Tlieta u l-ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli kull l-ewwel Ħamis tax-xahar li jsir mill-Green mt. Matul l-aħħar xhur bil-koperazzjoni ta' Wasteserv Ltd bdejn ukoll il-ġbir ta' skart organiku. Il-Kunsill jappella lir-residenti sabiex jikkoperaw mal-kuntratturi konċernati għal ġbir ta' skart u b'hekk inżommu l-ambjent ta' madwarna mill-aktar nadif.

Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll it-tindif tal-latrina pubblika. Il-Kunsill huwa sodisfatt mis-servizzi li qed jieħu mill-kuntratturi konċernati u kull meta kien hemm bżonn dejjem sibna l-koperazzjoni tal-istess kuntratturi.

Il-lampi tat-toroq jaqgħu wkoll taħt ir-responsabilta tal-Kunsill flimkien mar-Reġjun ta' Għawdex. Meta lampa tkun difettuża għandha tiġi rapportatha mal-Kunsill u minn naħa tagħna mill-ewwel ngħaddu r-rapport lill-kuntrattur biex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill.

Issa ser ngħaddi biex insemmi xi servizzi li joffri l-Kunsill. Il-Kunsill joffri servizz ta' 'internet' b'xejn minn żewġ postijiet differenti, mill-uffiċċju tal-Kunsill, u anke mill-Pjazza s-Salvatur.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Il-Kunsill kompla żied il-kotba fuq l-ixkaffi tal-librerija tagħna. Hawn ta' min isemmi li l-Kunsill ibbenefika minn skema speċjali dwar libreriji mnedija mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali. Biex jibbenefika minn din l-iskema l-Kunsill ried jonfoq l-istess ammont mill-fondi tiegħu. Għalhekk biex il-Kunsill seta' jieħu l-massimu mill-fondi speċjali, xtrajna b'aktar minn €1,200 f'kotba u b'hekk il-Kunsill ingħata s-somma ta' €600 lura minn għand id-Dipartiment.

Il-Kunsill qed jibbenefika mill-iskema ta' xogħol fil-komunita tal-ETC. Il-Kunsill għandu s-servizz ta' żewġ ħaddiema li qed jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni li jkun hemm bżonn f'diversi inħawi fir-raħal tagħna. Jagħmel xogħol simili għandna ħaddiem ieħor li qiegħed taħt l-iskema tal-ħaddiema ex WSC.

Il-Kunsill qed joffri lir-residenti tar-raħal tagħna kors dwar il-ħjata. Dan il-kors qed isir darba fil-ġimgħa matul is-sena skolastika.

Matul din is-sena ġiet organizzata kampanja favur il-qari fost it-tfal żgħar. Fis-sala tal-Kunsill ġew organizzati lezzjonijiet 'Read with me' u 'The Magic of Stories'. Dawn il-lezzjonijiet saru bil-koperazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Għal darb'oħra l-Kunsill ħareġ applikazzjoni biex matul is-sajf isiru lezzjonijiet edukattivi u anke fl-Arti. Sfortunatament ma kelnix applikazzjonijiet bizzejjed u għalhekk dawn ma setgħux isiru.

Servizz ieħor li qed jingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill tagħna huwa dak tal-Posta fejn għandna Sub Post Office. Huma ħafna r-residenti li jagħmlu użu minn dan is-servizz li żgur qed ikun ta' kumdita kbira għalihom.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill jorganizza attivitajiet biex ifakkar Jum L-Għasri. Din l-attivita issir fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru. Din is-sena s-Sur Joe Saliba ġie nominat u magħżul mill-Kunsill biex jingħata l-Premju Ġieħ L-Għasri 2016. Huwa ingħata dan l-unur waqt l-attivita organizzata fl-24 ta' Settembru fi Pjazza s-Salvatur.

Saru attivitajiet oħra matul is-sena fosthom fi żmien il-festa tar-raħal tagħna fejn jiġu organizzati logħob għal kulħadd. Din is-sena t-tiġrijiet taż-żwiemel ma setgħux isiru għar-raġuni li l-Awtoritajiet konċernati ma' ħarġux fil-ħin il-permessi meħtieġa. Nhar is-7 ta' Ġunju ilqajna fostna lil Caravaggio Quartet li taw kunċert mużikali fil-Knisja Parrokkjali. Din l-attivita saret bil-koperazzjoni ta' JP2 Foundation.

Għall-ewwel darba l-Kunsill organizza attivita fi żmien il-Karnival. L-attivita saret fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-6 ta' Frar. Il-Kunsill għen ukoll sabiex issir wirja fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Kunsill organizza diversi ħarġiet matul is-sena. Flimkien ma' Valletta 18 ġiet organizzata ħarġa għal Valletta Green Festival nhar is-6 ta' Mejju 2016. Fit-13 ta' Lulju ġiet organizzata ħarġa għaż-żgħażagħ fejn attendejna għal Festa ta' San Bastjan Ħal Qormi. Il-Kumitat taż-Żgħażagħ Bastjaniżi kien qed jiċċelebra l-25 anniversarju mit-twaqqif tiegħu u għalhekk kien hemm festi speċjali għal din l-okkażjoni. Hawn nixtieq li f'isem il-Kunsill nirringrazzja lil Matthew Attard li serva bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fis-sentejn li għaddew.

Ħarġa oħra għal Malta kienet organizzata nhar l-20 ta' Awwissu fejn fost affarijiet oħra żorna l-Malta National Aquarium. Fit-3 ta' Settembru organizzajna ħarġa għal Splash And Fun f'Malta ukoll.

Attivitajiet oħra organizzati mill-Kunsill kienu fl-okkażjoni ta' Jum L-Omm li saret fis-7 ta' Mejju filwaqt li fil-11 ta' Awwissu organizzajna ħarġa bil-Calypso Train fejn morna dawra madwar postijiet ta' interess f'Għawdex stess. Din is-sena organizzajna ukoll wirja ta' karozzi mini bil-koperazzjoni tal-Malta Mini Owners Club. Din l-attivita saret nhar il-Ħadd 31 ta' Lulju fi Pjazza s-Salvatur. Ta' min isemmi li l-attendenza għal dawn l-attivitajiet u ħarġiet dejjem kienet waħda tajba ħafna u għalhekk tkomplu tħeġġuna biex norganizzaw aktar attivitajiet.

Fi żmien il-Milied il-Kunsill qed jorganizza tlett attivitajiet li għalihom ikolna parteċipazzjoni tajba ħafna. L-attivitajiet ta' żmien il-Milied ikunu mmirati għal kulħadd u l-attendenza tagħkom waqt l-istess attivitajiet timlina bil-kuraġġ biex inkomplu norganizzaw attivitajiet simili.

Ngħaddi biex insemmi xi xogħlijiet importanti li saru matul din is-sena.

Nibda biex insemmi xogħol li forsi ma tantx jidher iżda bħala Kunsill qed jaħlilna ħafna riżorsi u finanzi. Qed nirreferi għal xogħol li jsir fiż-żona mhux urbana, fil-kampanja sabiħa li għandna f'L-Għasri. It-toroq ta' dawn l-inħawi huma magħmulin mit-turba, jiġifieri żrar u ramel. Għalhekk wara kull maltempata kbira dawn it-toroq iġarrbu ħsarat kbar. Il-Kunsill bil-koperazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex bena diversi ħitan li kienu iġġarfu u diversi toroq jiġu livellati mill-ġdid u b'hekk ir-residenti speċjalment il-bdiewa ikollhom aċċess aħjar f'dawn l-inħawi. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru Għal Għawdex tal-koperazzjoni tagħhom fejn mhux biss qed jibgħatu l-ħaddiema iżda meta ikun possibbli għalihom jagħtuna l-ġebel u materjal ieħor li jkun hemm bżonn. Minn naħa tiegħu l-Kunsill qed jagħmel xogħol ta' taħmil li jkun hemm bżonn u anke xtrajna l-konkos fejn kien meħtieġ. Triq Wied is-Seqer ingħatat kisja bil-konkos u b'hekk saret ukoll aktar aċċessibbli. Ix-xogħol kollu f'din it-triq sar mill-Ministeru għal Għawdex. Fl-aħħar xhur il-Kunsill għamel diversi storm water culverts fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri. B'hekk qed intaffu mill-problema tal-ilma tax-xita li tagħmel ħafna ħsara lill-istess triq. Il-Kunsill jixtieq li din it-triq tinkesa bit-tarmak jew issir bil-konkos iżda m'għandnix finanzi biżżejjed biex inwettqu dan il-proġett. Għalhekk saret talba lill-Ministeru għal Għawdex biex meta jkun possibbli isir dan ix-xogħol.

Wara diversi laqgħat u korrispondenza mal-Ministeru Għal Għawdex din is-sena stess se jibda x-xogħol ta' kisi bit-tarmak ta' Triq il-Fanal. Nistgħu ngħidu li din hija waħda mill-aktar toroq li kellha bżonn kisja tarmak peress li kienet fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill kien ilu snin sħaħ jitlob l-għajnuna finanzjarja biex din it-triq tinkesa bit-tarmak u fl-aħħar nistgħu ngħidu li se naslu. Ix-xogħol fuq din it-triq qed isir mill-Ministeru Għal Għawdex.

Il-Kunsill ħa sehem fil-proġett ta' Europe Direct fejn fl-inħawi ta' l-għolja ta' Għammar tħawlu siġar tal-ħarrub li se jifforma l-Biblical Garden.

Il-Kunsill qed jipprepara lilu innifsu sabiex jakkwista art kbira wara l-Knsija parrokkjali wara li din tiġi kklassifikata bħala open space għall-pubbliku. Meta din l-art tgħaddi f'idejn

il-Kunsill aħna se nistiednu lill-pubbliku sabiex jgħinna niżviluppaw din il-ħolma ta' poplu f'waħda tanġibli.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera kollha tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill. Jien minn naħa tiegħi inwiegħed li nkompli naħdem għal ġid tar-raħal tagħna

**Dr Daniel Attard**
**Sindku**

## 2.1 Il-'Mission Statement'

Il-Membri kollha tal-Kunsill jaħdmu bis-sħiħ biex iżommu il-wegħda li għamlu sabiex jaħdmu għal ġid tal-lokalita' u r-residenti ta' L-Għasri. Il-Kunsill jipprova kemm jista' biex isolvi l-problemi u mhux jisma' l-ilmenti biss. L-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilta ta' Dipartimenti jew Korporazzjonijiet tal-Gvern jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-Awtorita' konċernata permezz tas-sistema tal-Customer Care.

## 2.2 Il-Valuri

Dawn huma il-valuri tal-Kunsill Lokali ta' L-Għasri

- Effiċċjenza, trasparenza u amministrazzjoni effettiva
- Jinvolvi lill-abitanti fix-xogħlijiet li jkun qed iwettaq
- Iżomm lir-residenti nfurmati b'dak li jkun qed iwettaq il-Kunsill
- Idaħħal is-sens ta' patrijottiżmu fost l-abitanti

### 3.1 Għanijiet u riżultati matul l-aħħar tlett snin (2014/2016)

| **Għanijiet** | **Riżultati** |
|---|---|
| It-Toroq | Saret manutenzjoni ta' toroq iżda għad baqa' ħafna xi jsir. Il-Kunsill għandu bżonn aktar fondi biex ikun jista' jirranġa t-toroq. Saru ukoll bankini f'diversi toroq. |
| | It-toroq fiż-żona mhux urbana qed jiġu rranġati kull meta jkollhom bżonn u b'hekk il-bdiewa jkollhom aċċess aħjar għall-egħlieqi tagħhom. |
| Re Surfacing ta' Toroq | Saru 'Storm Water Culverts' fl-inħawi ta' Triq Fanal u Triq Wied L-Għasri biex tissolva l-problema tal-għargħar. |
| | Triq tal-Gallina inksiet bil-konkos permezz ta' fondi mill-EU taħt Miżura125. F'din it-triq sar ukoll main tal-ilma ġdid. |

### 3.2 Għanijiet u riżultati mistennija matul it-tlett snin li ġejjin (2017/2019)

| **Għanijiet** | **Riżultati Mistennija** |
|---|---|
| Re-Surfacing ta' Toroq | Il-Kunsill qed jippjana li jiksi kemm possibbli toroq bit-tarmak l-aktar dawk it-toroq li jinsabu fi stat ħażin. Bil-koperazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex Triq il-Fanal ser tingħata kisja tarmak u anke jinbidlu s-servizzi tal-ilma. |
| Fondi Speċjali | Il-Kunsill japplika wkoll għall-fondi mill-iskemi speċjali maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex isiru proġetti ġodda fil-lokalita' ta' L-Għasri. |
| Non Urban Area | Il-Kunsill jixtieq ukoll li jagħti mportanza lit-toroq u l-ambjent fiz-zoni mhux urbani. Dawn għandhom jkunu aċċessibbli biex jitgawdew mill-bdiewa u anke mir-residenti. Għal dan il-għan il-Kunsill japplika għall-fondi tal-EU meta jinħarġu applikazzjonijiet. |

### 3.3 Strateġiji

Għas-snin 2017/2019, l-istrateġiji tal-Kunsill huma :-

- ikompli jeduka u jinforma lir-residenti bl-inizzjattivi li jieħu l-Kunsill
- jara li jkollu l-aħjar servizzi bl-irħas prezz possibbli minn għand il-kuntratturi kollha
- jinkoraġixxi djalogi u teamwork bejn kumitati u organizzazjonijiet li qegħdin fl-istess raħal

## 4.1 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hija mwaqqfa mill-Kunsill innifsu, mis-Segretarju Eżekuttiv, mil-librara, mill-ħaddiem tal-iskema xogħol fil-kominita u mill-ħaddiem tal-iskema ta' 'ex WSC'.




Is-Segretarju Eżekuttiv huwa involut fix-xogħol Amministrattiv kollu tal-Kunsill. Huwa jilqa' l-ilmenti u s-suġġerimenti li jkollhom ir-residenti. Il-librara tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fix-xogħol tal-uffiċċju apparti li tieħu ħsieb il-Librerija Pubblika. Is-Sub Post Office titmexxa mis-Segretarju Eżekuttiv u mil-librara.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill Lokali L-Għasri huwa ffurmat minn ħames membri, is-Sindku, Viċi Sindku u tliet Kunsilliera. Ilkoll flimkien dejjem naħdmu għall-ġid tar-raħal ta' L-Għasri. Bħal kull Kunsill Lokali ieħor il-Kunsill Lokali ta' L-Għasri għandu il-funzjonijiet tiegħu x'jaqdi. Ħafna mix-xogħol isir permezz tal-kuntratti li għandu ma' diversi Koperattivi u kuntratturi privati.

Il-Kunsill huwa impenjat jara li jieħu s-servizz ta' dak li jkun qed iħallas għalih. Fil-fatt il-Kunsill ġieli ħa l-passi meħtieġa biex ix-xogħol isir skond l-ispeċifikazzjonijiet li jkun hemm fil-kuntratt. Minbarra ix-xogħlijiet li jsiru permezz ta' dawn il-kuntratti, l-Kunsill għamel ukoll diversi proġetti mportanti għar-raħal ta' L-Għasri. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll li jorganizza attivitajiet kulturali. Ta' kull sena qed jiġi mfakkar Jum L-Għasri, filwaqt li jsiru diversi attivitajiet matul is-sena fosthom fi żmien il-festa tar-raħal u anke fi żmien sabiħ tas-sena, il-Milied.

Jiena ċert li r-residenti japprezzaw is-sagrifiċċji li qed jagħmlu l-membri kollha tal-Kunsill li jaħdmu id f'id għal ġid tar-raħal ta' L-Għasri.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

## 5.1 Stima Finanzjarja għal tlett snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2016 (EURO) | BUDGET 2017 (EURO) | BUDGET 2018 (EURO) | BUDGET 2016 - 2018 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | **190,477.00** | **197,150.00** | **205,200.00** | **592,827.00** |
| 0020 | Bye-Laws | **2,100.00** | **2,150.00** | **2,200.00** | **6,450.00** |
| 0090 | Investment | **50.00** | **75.00** | **75.00** | **200.00** |
| | TOTAL | **192,627.00** | **199,375.00** | **207,475.00** | **599,477.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | 56,975.00 | 58,700.00 | 61,200.00 | 176,875.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 104,300.00 | 110,250.00 | 114,350.00 | 328,900.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 16,800.00 | 23,500.00 | 26,500.00 | 66,800.00 |
| | TOTAL | **178,075.00** | **192,450.00** | **202,050.00** | **572,575.00** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **14,552.00** | **6,925.00** | **5,425.00** | **26,902.00** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 14,552.00 | 21,477.00 | |
| | **CARRY FORWARD** | 14,552.00 | 21,477.00 | 26,902.00 | 26,902.00 |

## 5.2 Noti

- Dħul - L-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali ġiet ikkalkulata li tiżdied b'madwar €2,000 mill-ewwel għat-tieni sena u €3,000 oħra mit-tieni għat-tielet sena.
- Infieq - Iż-żieda tqasmet bejn Personal Emoluments minħabba żieda fil-pagi li jista' jkun hemm u Repair u Upkeep u Contractual Services sabiex tingħata aktar importanza lit-toroq u postijiet pubbliċi.

## 5.3 Stima ta' Dħul għal Tlett Snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2017 - 18 (EURO) | BUDGET 2018 - 19 (EURO) | BUDGET 2019 - 20 (EURO) | BUDGET 2017 - 2020 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 170,477.00 | 172,000.00 | 175,000.00 | 517,477.00 |
| 0002 | Supplementary | | | | |
| 0003 | Special needs | 20,000.00 | 25,000.00 | 30,000.00 | 75,000.00 |
| 0004 | Public/government entities | | 150.00 | 200.00 | 350.00 |
| 0015 | Other | | | | |
| | | **190,477.00** | **197,150.00** | **205,200.00** | **592,827.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community services | 600.00 | 600.00 | 600.00 | 1,800.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 300.00 | 350.00 | 350.00 | 1,000.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | |
| 0066 | General services | 1,200.00 | 1,200.00 | 1,250.00 | 3,650.00 |
| | | **2,100.00** | **2,150.00** | **2,200.00** | **6,450.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 50.00 | 75.00 | 75.00 | 200.00 |
| 0096 | Government securities | | | | |
| | | **50.00** | **75.00** | **75.00** | **200.00** |
| | **TOTAL** | **192,627.00** | **199,375.00** | **207,475.00** | **599,477.00** |

## 5.4 Stima ta' Infieq għal Tlett Snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2017 - 18 (EURO) | BUDGET 2018 - 19 (EURO) | BUDGET 2019 - 20 (EURO) | BUDGET 2017 - 2020 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 7,400.00 | 7,800.00 | 8,000.00 | 23,200.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 36,000.00 | 37,000.00 | 39,000.00 | 112,000.00 |
| 1300 | Bonuses | 400.00 | 425.00 | 425.00 | 1,250.00 |
| 1400 | Income supplements | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 1,125.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 3,600.00 | 3,700.00 | 3,900.00 | 11,200.00 |
| 1600 | Allowances | 2,800.00 | 3,000.00 | 3,100.00 | 8,900.00 |
| 1700 | Councillor's Allowance | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| | | **56,975.00** | **58,700.00** | **61,200.00** | **176,875.00** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | |
| 2100 | Utilities | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,800.00 | 10,800.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 400.00 | 400.00 | 450.00 | 1,250.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 33,000.00 | 35,000.00 | 35,000.00 | 103,000.00 |
| 2400 | Rent | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 2500 | International memberships | 600.00 | 600.00 | 600.00 | 1,800.00 |
| 2600 | Office services | 1,800.00 | 1,800.00 | 1,800.00 | 5,400.00 |
| 2700 | Transport | 1,600.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 5,100.00 |
| 2800 | Travel | 500.00 | 750.00 | 750.00 | 2,000.00 |
| 2900 | Information services | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,200.00 | 6,200.00 |
| 3000 | Contractual services | 35,000.00 | 38,000.00 | 40,000.00 | 113,000.00 |
| 3100 | Professional services | 10,000.00 | 10,000.00 | 11,000.00 | 31,000.00 |
| 3200 | Training | 100.00 | 150.00 | 200.00 | 450.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 15,000.00 | 15,500.00 | 16,000.00 | 46,500.00 |
| 3400 | Incidental expenses | 300.00 | 300.00 | 300.00 | 900.00 |
| | | **104,300.00** | **110,250.00** | **114,350.00** | **328,900.00** |
| 7000 | Capital expenditure | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | |
| 7100 | Construction | 8,000.00 | 10,000.00 | 12,000.00 | 30,000.00 |
| 7200 | Improvements | 3,000.00 | 5,000.00 | 6,000.00 | 14,000.00 |
| 7300 | Equipment | 800.00 | 500.00 | 500.00 | 1,800.00 |
| 7500 | Special programmes | 5,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 21,000.00 |
| | | **16,800.00** | **23,500.00** | **26,500.00** | **66,800.00** |
| | **TOTAL** | **178,075.00** | **192,450.00** | **202,050.00** | **572,575.00** |